11 ta' Novembru 2015
120/2015

**167 PERSUNA JIGGRADWAW MILL-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI**

Matul l-aħħar sena akkademika, 167 persuna temmew b'suċċess wieħed minn 16-il kors differenti li offra l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali flimkien ma' entitajiet oħra tal-Knisja f'Malta. Iċ-ċerimonja annwali tal-gradwazzjoni saret nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015, fis-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù, u tmexxiet mill-Arċisqof Charles J. Scicluna. Iċ-ċerimonja bdiet b'Quddiesa ta' ringrazzjament mill-Vigarju Ġenerali Mons. Joe Galea Curmi, u wara saret il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati. Il-korsijiet li temmew il-parteċipanti kienu ta' livelli erbgħa, ħamsa u sitta tal-*Malta Qualifications Framework* (MQF) u tal-*European Qualifications Framework* (EQF), kif ġej:

- *Human Experience of God* (livell 4)
- *General Education Award in Evangelisation* (livell 4)
- *General Education Award in Youth Leadership* (livell 4)
- *Higher Education Award in Adolescent and Youth Ministry* (livell 5)
- *Higher Education Award in Family Ministry* (livell 5)
- *Higher Education Award in Missiology* (livell 5)
- *Higher Education Award in Catholic Social Teaching* (livell 5)
- *Higher Education Award in Liturgy* (livell 5)
- *Higher Education Award in Christian Leadership II* (livell 5)
- *Higher Education Award in Parish Nursing* (livell 5)
- *Higher Education Award in Carmelite Spirituality* (livell 5)
- *Diploma in Spiritual Accompaniment* (livell 5)
- *Diploma in Christian Leadership* (livell 6)

L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali din is-sena beda l-11-il sena ta' ħidma, u din kienet id-disa' ċerimonja ta' gradwazzjoni. L-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali twaqqaf fl-2005 biex iwieġeb għas-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan li joffri formazzjoni lill-Insara għall-ħtiġijiet reali tas-soċjetà, u joffri formazzjoni lil dawk il-persuni li jħossu l-bżonn li jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fil-fidi tagħhom.

Qed issir ukoll ħidma f'direzzjonijiet ġodda: din is-sena qed isiru korsijiet ġodda: *Respect for Life, Basic Course in Parish Life u Module in Franciscan Spirituality*. Qed isir ukoll ħafna xogħol biex jissaħħaħ l-akkumpanjament tal-persuna wara li jlestu kors permezz ta' proċessi ta' sostenn u ta' *ongoing formation*. Għal dan il-għan, twaqqfet aġenzija li tiffaċilita l-ħidma pastorali ta' dawk li rċevew formazzjoni.

Fis-sena akkademika preżenti, madwar 200 parteċipant qed isegwu wieħed mill-11-il kors differenti li qed joffri l-Istitut u l-entitajiet formattivi oħra. Dawn jinkludu il-*Higher Education Award in Family Ministry* li ser jibda fil-gimgħat li ġejjin. L-informazzjoni dwar il-korsijiet kollha tista' titniżżel mill-website: www.maltapfi.org. Wieħed jista' jċempel fuq 22039510 jew jibgħat email fuq pfimalta@gmail.com.